Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 122/2016

Il-Pulizja

Vs

Patrick Calleja

Illum 25 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Patrick Calleja detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 135077 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Gunju, Lulju, Awwissu w Settembru 2015, fil-Gzejjer Maltin:

1) Diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;

2) Naqas li jaghti lil Lorraine Calleja, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat Patrick Calleja, hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u ikkundannatu ghal tlitt (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Patrick Calleja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellate fil-parti tal-piena, billi minflok tinfliggi piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Patrick Calleja huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

Illi fl-ewwwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma haditx in kunsiderazzjoni l-fatt li l-esponenti rregistrata ammissjoni bikrija, u ma heliex hin prezzjuz ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, b' riferenza ghall-piena inflitta l-esponenti jirrileva illi fic-cirkostanzi hija wahda certament esagerata ghal akkuza kif dedotta fil-konfront ta' l-esponenti. F' dan ir-rigward, minghajr pregudizzju ghal premess, l-appellanti jaghmel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Stephen Spiteri (Qorti tal-Appell Kriminali 22/9/1993), il-kuncett ta' 'crime does not pay' m' ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-llum. Illum il-gurnata l-iskop ta' piena mhux biss dak ta deterrent jew reribuzzjoni, izda ta' riabilitazzjoni', u l-esponenti umilment jirrileva li fil-kaz odjern, il-Qorti tal-Magistrati ma hadiex in konsiderazzjoni ta' dan il-principju. L-esponenti umilment jirrileva li l-piena inflitta

mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija wahda eccessiva u harxa, tenut kont ta' l-akkuza prodotta fil-konfront ta' l-esponenti, u partikolarment tenut kont ta' l-ammissjoni bikrija da parti ta' l-esponenti, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. L-esponenti huwa persuna ta' karattru tajjeb, ma ghandux kondotta refrattarrja, u tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz, piena karcerarja ma hijiex wahda idoneja.

F' dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-Ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena nflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita', ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, datata 25 t' April, 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta'prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita a tenur ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 446.

Fil-kawza l-Pulizija vs Carmen Buttler, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Frar, 2009, il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi suspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F' dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aquilina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru, 2008. Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F' dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi akkuzat bhal l-appellant kien recidiv, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni ta' probation.

> 'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry report esebit a fol 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-

imputat kellu trobbija instabbli, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin... li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv... Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrila li ghalkemm mill-fedina penal ital-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari pjuttost stabbli.'

Fis-sentenza, Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 t' Ottubru, 2008, il-Qorti filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

'Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentament inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar, 2001 fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Farrugia:

'Issa, huwa veru li l-appellant ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-

> erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero' jinvolvu multi u habs... 'Aparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija 'irriversibbli' – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' l-irreversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal 'first offenders' zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.'

L-esponenti umilment jirrileva li l-principji esposti fil-gurisprudenza hawn citata jincidu direttament fuq l-appell odjern, u ghalhekk il-piena imposta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha tigi varjata sabiex tirrifletti r-realta' li attwalment l-esponenti jinsab fiha.

Di piu, l-esponenti jirrileva li l-ammont dovut lil martu Lorraine Calleja ser jigi pjenament imhallas, sabiex l-ammont dovut ikun saldat.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' llum deheret il-parte civile u iddikjarat illi hija thallset u l-manteniment dovut ghall-perjodu indikat fl-akkuza.

Illi ghalhekk l-akkuza tirrizulta ippruvata billi l-manteniment ma sarx fil-perijodu indikat fl-akkuza madanakollu hemm lok ghall-temperament fil-piena, fid-dawl tal-fatt illi l-appellant ottempera ruhu.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tichad l-appell in parte, tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn sabet il-htija fl-appellant izda tvarja l-piena nflitta u wara illi rat l-

artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur